MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2792/2002

**BAM ! Limited**

**vs**

**Shelving Systems Limited u Anthony Ellul**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00) bhala bilanc minn somma akbar fuq fatturi datati 21 ta' Mejju 2001 u 1 ta' Awissu 2001 u rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' riklamar provduti mis-socjeta' attrici favur is-socjeta' konvenuta, liema somma ghadha mhux imhallsa u dan wara li zewg cheques mahruga mill-konvenut Anthony Ellu gew ripetutament ritornati lis-socjeta' attrici wara li ma gewx onorati.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-4 ta' Novembru 2002 u bl-imghax skond il-ligi mid-dati tal-hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, lkoll kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------